**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana)**

**vs**

**Jefrin Grech**

**Illum 16 ta' Gunju 2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Jefrin Grech,** iben Joseph u Rita xebba Magri, imwieled il-Pieta, Malta nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Settembru 1976 u residenti ġewwa numru mija tlieta u disgħin (193), Triq ir-Repubblika, Valletta, Malta detentur tal-karta tal-identita bin-numru 523376M fejn huwa ġie akkuzat talli b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, nhar l-24 ta' Jannar, 2015, kif ukoll fix-xhur u s-snin ta' qabel f'dawn il-gzejjer:

1) Bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel, bl-awtorita' tieghu nnifsu, lil xi hadd ihallas dejn, jew esegwixxa obbligazzjoni, tkun li

tkun, jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu, jew hatt bini, jew kiser il-mixi tal-ilma jew ha l-ilma ghalih, jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, indahal fi hwejjeg haddiehor.

Rat id-dokumenti kollha esebiti kif wkoll l-atti kollha processwali.

Rat ir-rapport tal-Perit Mario Cassar prezentat u konfermat bil-ġurament fis-seduta tal-ħmistax (15) ta' Ottubru 2019 (Fol 26 *et seq*).

Rat li f'dik l-istess seduta tal-ħmistax (15) ta' Ottubru 2019 il-partijiet ingħataw zmien sabiex jipprezentaw in-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, liema zmien ġie estiz b'digriet tal-ħamsa (5) ta' Diċembru 2019.

Rat illi l-parte civile Oswald u Sylvana konjuġi Caruana ipprezentaw in-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Diċembru 2019 (Fol. 105 et seq).

Rat li permezz ta' nota prezentata fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Jannar 2020 l-Prosekuzzjoni aderixxiet ruħha man-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mill-parte civile konjugi Caruana (Fol. 109)

Rat illi d-difiza prezentat in-nota ta' sottomissjonijiet tagħha fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Frar 2020 (Fol. 110 et seq tal-process).

**Ikkunsidrat:**

**<u>Fatti specie tal-Kaz</u>**

Illi dan il-kaz jikkonċerna l-installazzjoni ta' ċumnija f'shaft ta' blokka appartamenti f'Misraħ Mattia Preti, il-Belt Valletta. Iċ-cumnija ġiet installata mill-imputat in konnessjoni mal-ġestjoni da parti tiegħu ta' Snack Bar bl-isem "Mandraggio." Il-parte civile intavolaw il-kwerela li waslet sabiex inbdew il-proċeduri odjerni għaliex fi kliemhom: (a) iċ-ċumnija kienet sors ta' ħsejjes; (b) iċ-ċumnija kienet sors ta' rwejjaħ; u (c) iċ-ċumnija saret mingħajr permess.[1]

**<u>Eċċezzjonijiet Sollevati mid-Difiza</u>**

Ibda biex din il-Qorti għandha dubji serji dwar kemm jista' jingħad li l-lamenteli sollevati mill-parte civile jistgħu b'xi mod jiffiguraw taħt ir-reat kontemplat fl-artikolu 85 tal-Kap. 9. Pero f'dan l-istadju jeħtieġ li qabel xejn jiġu investigati l-eċċezzjonijiet imqajma mid-difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha. Id-difiza tqajjem zewġ eċċezzjonijiet ta' natura preliminari, preċizament: (a) li l-azzjoni kriminali hija preskritta; u (b) li ċ-ċitazzjoni ġiet miktuba b'mod skorrett la darba l-Prosekuzzjoni kellha data speċifika dwar meta seħħ l-allegat reat. Għaldaqstant, qabel issir kull kunsiderazzjoni oħra rigward ir-reat li qieghed jigi addebitat lill-imputat, huwa essenzjali li jigu indirizzati dawn l-eċċezzjonijiet preliminari. Dan għas-sempliċi raġuni li f'kaz li tintlaqa' xi waħda jew l-oħra minn dawn

[1] Ara xhieda in kontro-ezami ta' Silvana Caruana, fol. 55 tal-proċess.

iz-zewġ eċċezzjonijiet preliminari, dan sejjer iwassal għall-estinzjoni tal-proċeduri penali odjerni.

A. **L-Eccezzjoni tal-Preskrizzjoni**

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha d-difiza teċċepixxi li l-azzjoni kriminali hija preskritta a tenur tal-artikolu 688(e) tal-Kap. 9. Id-difiza isostni li l-piena stabbilita mill-artikolu 85 tal-Kap. 9 hija massimu ta' priġunerija sa tlett xhur. It-terminu ta' priġunerija huwa ta' anqas minn sena u allura l-perijodu preskrittiv applikabbli għar-reat ipotizzat fl-artikolu 85 huwa dak ta' sentejn stabbilit mill-artikolu 688(e) tal-Kap. 9.

Kif senjalat tajjeb mid-difiza, għalkemm ir-reat ta' *raggion fattasi* huwa reat li għandu effetti permanenti, fil-verita dan ir-reat huwa reat istantanju. Infatti Manzini fil-kummentarju tieghu ghall-Kodici Kriminali Taljan jgħallem li: "*E` in ogni caso reato istantaneo, e non permanente, ancorche` possa avere effetti permanenti. Ne` importa che la violenza, specialmente quella sulle cose, possa continuarsi ininterrottamente per un certo tempo … perche` il reato si consuma nell'istante in cui l'agente si e` fatta ragione da se` medesimo con l'uso della violenza, per il quale uso e` sufficiente il fatto violento iniziale. Non si confonda, poi, il delitto permanente col delitto continuato.*"[2]

Dan il-punt ġie anke konfermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Cilia** deciza fis-sebgħa (7) ta' Ottubru 2015.[3] Il-kaz kien jirrigwarda bdil ta' serratura f'zewġt iħwienet. Il-Qorti tal-

[2] Vincenzo Manzini, Trattato di Diritto Penale Italiano, Vol. V, Torino 1950, p. 996
[3] Appell Numru 339/13.

Appell għamlet riferenza għal dak li jsostni Manzini u irrimarkat li minkejja r-reat taħt l-artikolu 85 kellu effetti permanenti, xorta kellu jitqies bħala reat istantaneju. Dan ifisser għalhekk li t-terminu preskrittiv għandu jibda jiddekorri mid-data tal-konsumazzjoni tar-reat.

Minn ezami tal-provi prodotti, jirrizulta li ċ-ċumnija in kwistjoni twaħħlet f'Marzu 2013 u mhux f'Ottubru 2012 kif issottomettiet id-difiza fin-nota tagħha. Infatti l-parte civile Silvana Caruana fis-seduta tal-Ħamis, għoxrin (20) ta' Ottubru 2016 li inzammet quddiem il-Perit Tekniku xehdet li: *"Qabel Marzu 2013 ġew il-Pulizija u infurmawna illi fis-7.00am tat-tali ġurnata ser jidħlu bil-Puliija biex iwaħħluha. Mill-bidu nfurmajna lill-Avukat tagħna. Ftit qabel ma twaħħlet iċ-ċumnija, infetħet toqba kbira minn ġol-ħanut, ċempilna, ċempilna l-enforcement il-MEPA, xi ħadd ġie dakinhar, lili ma kellmunix. Ix-xogħol fuq iċ-ċumnija tkompla."* Ir-reat ta' raggion fattasi qiegħed jiġi ipotizzat propju minħabba dan it-twaħħil ta' din iċ-ċumnija li ikkawza inkonvenjent lill-parte civile. Jekk wieħed jifli l-komparixxi, isib li din ġiet maħruġa mill-Uffiċjal Prosekutur fis-sitta (6) ta' Novembru 2015. Din l-akkuza għalhekk bil-fors li ġiet notifikata lill-imputat wara din id-data. Jekk wieħed iqis li ċ-ċumnija twaħħlet f' Marzu 2013, allura l-azzjoni kriminali kellha tinbeda qabel Marzu 2015 u mhux f'Novembru 2015. Dan ifisser għalhekk li l-azzjoni kriminali abbazi tal-artikolu 85 hija preskritta, peress li kienu għaddew aktar minn sentejn meta ċ-ċitazzjoni odjerna ġiet notifikata lill-imputat.

Fid-dawl tal-premess għalhekk m'hemm il-ħtieġa li din l-Qorti tinvestiga t-tieni eċċezzjoni sollevata mid-difiza kif wkoll il-mertu propju tal-akkuza imressqa.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq esposti, din il-Qorti mhux qiegħda ssib lill-imputat ħati tal-akkuza dedotta fil-konfront tiegħu u għalhekk qegħda tilliberah minnha.

---

**Dr Joseph Mifsud**
**Magistrat**

Margaret De Battista
Deputat Registratur